# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 1.14

**Kap 1: Id-Dinja sabiħa!**

**Lezzjoni 1.14 – Nifirħu bl-istaġuni!**

**L-Għanijiet:**




1. Jiftakru liema huma l-erba' staġuni u jifhmu li t-temp ikun differenti f' kull staġun.
2. Waqt il-logħob jieħdu gost filwaqt li jkomplu jżidu l-kreattività tagħhom u jitgħallmu aktar dwar l-istaġuni.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- *Crafts' handout Seasons Mobile*
- Logħob:

http://www.sheppardsoftware.com/scienceforkids/seasons/paintandmake/paintandmakerainshower.htm

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Staqsi lit-tfal:
  - Kemm għandna staġuni f' sena?
  - Liema staġuni jġibu magħhom temp sabiħ?
  - Meta jibda jkollna l-ewwel maltempati bix-xita?
  - F' liema staġun ikollna ħafna frott?
  - U f' liema staġun insajru aktar ikel sħun bħas-sopop?



**Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)**



- Semma din id-diska lit-tfal u ddiskutu dak li taraw fiha:

http://www.youtube.com/watch?v=x5Lig67t2xg

- Qassam *handout* lil kull student u ddiskutu flimkien dak li qed taraw. It-tfal għandhom ipinġu l-istampi, iqasqsuhom, iwaħħluhom ma' spaga u jwaħħluhom ma' *kitchen roll* sabiex jiffurmaw *Seasons' Mobile*. Sakemm ikunu qed jagħmlu l-*Crafts*,

- Aqsam lit-tfal fi gruppi u agħti ċans lil kull grupp sabiex jikkrea stampa fuq il-bord. Agħmel stampa għal kull staġun mil-link:

http://www.sheppardsoftware.com/scienceforkids/seasons/paintandmake/paintandmakerainshower.htm

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Alla tant iħobbna li ħasbilna għal kollox. Qasmilna s-sena f' erba' staġuni sabiex dejjem insibu dak li neħtieġu.
2. Ta' dan kollu, aħna għandna ngħidu grazzi.




**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

Waqt li jieħdu gost ikantaw u jilagħbu, jaraw fil-verita' kemm huma xxurtjati b' dak li għandhom.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Inkantaw:

http://www.youtube.com/watch?v=x5Lig67t2xg



**Nitolbu**

Mulej, inti tant tħobbna li ħsibtilna għal kollox. Tajtna l-istaġuni li jġibu magħhom temp differenti sabiex ikollna dak kollu li neħtieġu. Grazzi Mulej!

